**6 ta' Novembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo., O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Professur Joseph Galea, M.B.E., M.D., D.P.H. ne.

*versus*

Dr. Antonio Bonnici, B.Sc., M.D. et.

**Istituti Karitatevoli — Aċċettazzjoni tal-Eredità — Atti ta' Eredi — Dota — Eċċezzjoni tal-Inkompetenza "ratione valoris" — Appell — Deċiżjoni "Extra petita" jew "Ultra petita — Kontumaċja — Art. 775, 33(2) u 37(2) tal-Kap. 15**

*Trattandosi ta' persuni "sui juris" li jiġu ammessi fi sptar governattiv, u li għalihom ma jkunx għamel ruħu responsabbli ħadd, id-Dipartiment interessat naturalment ifittex l-ewwel il-pazjent stess, jiġifieri l-proprjetà tiegħu, biex jitħallas*

*tal-kura u manteniment ta' dak il-pazjent fl-isptar (salvi każijiet regolati minn liġijiet speċjali); jekk hu ma jkollux mezzi, allura d-Dipartiment jaġixxi kontra l-persuni li skond il-liġi huma tenuti għall-manteniment tiegħu bl-azzjoni "negotiorum gestor", jew anki xi drabi bil-mandat taċitu. Iżda meta missier jew omm, jew xi persuna oħra, tagħmel tajjeb għall-pazjent, allura huwa naturali illi l-ħlas jintalab minn għandu. U bil-mewt ta' dik il-persuna dan l-obligu jaqa' fuq l-eredi tagħha; iżda ma jaqgħax ukoll fuq dawk li ma jkunux aċċettaw l-eredità tal-persuna obligata.*

*L-aċċettazzjoni tal-eredità tista' tkun ukoll taċita, ċjoè riżultanti minn ċerti fatti jew atti; iżda mhix preżunta. Il-fatt li tifla, wara l-mewt ta' ommha, tieħu flus minn dawk li ħalliet ommha biex tiddota ruħha bihom, jikkostitwixxi att li jammonta għal aċċettazzjoni tal-eredità ta' dik l-omm.*

*U meta l-werrieta ma jaqblux bejniethom dwar jekk għandhomx jaċċettaw il-wirt jew jirrinunzjaw għalieh, dak li jaċċetta jikseb waħdu l-jeddijiet kollha u jieħu fuqu l-piżijiet kollha tal-wirt.*

*L-eċċezzjoni tal-inkompetenza minħabba l-valur ma tistgħax tingħata quddiem Qorti tal-Appell, u lanqas ma tista' tiġi minn dik il-Qorti sollevata "ex officio"; u meta hu attur jew konvenut il-Gvern, il-Qrati Superjuri għandhom, fil-limiti tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Inferjuri, ġurisdizzjoni konkorrenti ma' dawk il-Qrati, jekk ma jkunx hemm fil-liġi dispożizzjonijiet oħra kuntrarji. Jekk fiċ-ċitazzjoni jintalab ammont wieħed kontra diversi konvenuti, din l-eċċezzjoni mhix attendibbli billi jiġi allegat illi kull wieħed minn dawk il-konvenuti jmissu jiġi kundannat f'parti mis-somma hekk mitluba li tkun ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri; il-kwistjoni jekk il-konvenuti kienux kollha obligati, jew min minnhom u f'liema proporzjoni, hija biss kwistjoni ta' meritu.*

*Hemm l-"extra petita" jew l-"ultra petita", meta tiġi sostitwita għall-azzjoni jew għad-domanda avanzata mill-attur azzjoni jew domanda oħra li minnu ma ġietx proposta, jew meta*

*d-deċiżjoni tmur aktar l-hemm mid-domanda jew azzjoni avanzata; u mhux meta tiġi mitluba somma superjuri għal dik li tirriżulta dovuta mill-konvenut.*

*Il-kontumaċja in prima istanza hi kontestazzjoni tal-kawża; u din il-kontestazzjoni hija riferibbli mhux biss għad-domanda per sè li tifforma l-meritu veru u propriju tal-kawża, imma wkoll għall-kwalitajiet tal-konvenut stess; b'mod illi, jekk il-konvenut hu mħarrek bħala eredi, bil-kontumaċja tiegħu huwa jiġi jikkontesta mhux biss il-meritu tad-domanda avanzata kontra tiegħu, imma wkoll il-kwalità ta' eredi li fiha ġie mħarrek.*

*It-testment mhuwiex prova tal-kwalità ereditarja; huwa biss prova tal-istituzzjoni tal-werriet, li mill-mewt tat-testatur tagħti lok għad-delazzjoni favur tiegħu tal-eredità; u mhux prova tal-adizzjoni jew aċċettazzjoni, li hi l-mument komplementari neċessarju għall-akkwist tal-eredità u tal-kwalità ta' eredi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti jiġu kundannati li jħallsu s-somma ta' £119.10.0, dovuta minn ommhom Giulia Bonnici, li tagħha huma kollha eredi, għall-manteniment u kura ta' Angiolina mart Frank Libreri nee Bonnici, waħda mill-konvenuti, fl-Isptar tal-Mard Mentali, Malta għall-perijodu mill-5 ta' Lulju 1949 sat-28 ta' Frar 1950, a bażi ta' nofs lira kulljum. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu 1955, kontra l-konvenuti, li ġew imħarrkin għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Diċembru 1956, li biha laqgħet it-talba tal-attur kontra l-konvenut Dr. Antonio Bonnici, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u lliberat mill-istess talba lill-konvenuti l-oħra, bl-ispejjeż kontra l-attur nomine; wara li kkunsidrat;

Fil-kontumaċja tal-konvenuti Tabib Dr. Antonio Bonnici, Giovanni Bonnici, Leone Bonnici, Doris sive Maria Dolores Bonnici, Guido Bonnici, u Peter Paul Bonnici;

Illi l-kreditu reklamat mill-attur jirriżulta soddisfaċentement mid-dokument fil-fol. 26 u 27 tal-proċess. Jirriżulta wkoll li l-konvenut Tabib Dr. Antonio Bonnici immiskja ruħu fl-eredità ta' ommu Giulia Bonnici u anki wera ruħu pront li jħallas l-imsemmi kreditu. Però, il-konvenuti l-oħra ma ġiex pruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti li huma eredi tal-imsemmija Giulia Bonnici; anzi, kif ġie verbalizzat fis-seduta tat-12 ta' Novembru 1956, il-konvenuti Emilia sive Ersilia Micallef u Adelina Darmanin irrinunzjaw għal dik l-eredità. Lanqas ma ġie b'xi mod pruvat li l-istess konvenuti huma tenuti personalment biex iħallsu s-somma mitluba mill-attur. Għalhekk it-talba tal-attur, kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, tidher ġustifikata fil-konfront biss tal-konvenut Tabib Dr. Antonio Bonnici, u mhux ukoll fil-konfront tal-konvenuti l-oħrajn;

Rat in-nota li biha l-imsemmi Dr. Bonnici appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li, għall-każ li din il-Qorti ma tiddikjarax inkompetenti mħabba l-valur il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili adita mill-attur nomine, l-imsemmija sentenza tiġi riformata, billi tiġi konfermata fejn laqgħet it-talba tal-attur kontra tiegħu limitatament għas-somma ta' £9.19.2 biss, u revokata għall-kumplament dwar l-meritu; u dwar il-kap tal-ispejjeż, illi l-istess sentenza tiġi riformata b'mod li hu iħallas għall-prima istanza daqs kemm kien jeħel kieku d-domanda saret quddiem il-Qorti Inferjuri; bl-ispejjeż kollha tal-appell kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta tal-attur . . . . ;

Rat in-nota li biha l-attur nomine wkoll appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi, fl-eventwalità li l-konvenut Dr. Bonnici jappella u jkollu riżultat favorevoli l-imsemmija sentenza tiġi riformata, fis-sens li tiġi revokata fejn illiberat mit-talba lill-konvenuti Giovanni, Leone Doris sive Maria Dolores Beatrice mart Charles Debono, Guido, Peter Paul, Angiolina sive Angela mart

Frank Libreri, Emanuel sive Ronie, u Carmelo sive Charles, aħwa Bonnici, bl-ispejjeż kontra l-attur, u minflok dawn il-konvenuti jiġu kundannati għall-ħlas tal-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni flimkien mal-konvenut Dr. Antonio Bonnici; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Huwa spedjenti li jiġi diskuss l-ewwel l-appell magħmul mill-konvenut Dr. Antonio Bonnici; anki għaliex l-appell l-ieħor, magħmul mill-attur, hu subordinat għall-kondizzjoni li l-appell ta' Dr. Bonnici jkollu eżitu favorevoli;

Ikkunsidrat, fuq dan l-appell;

Il-ħlas pretiż mill-attur huwa għall-manteniment u kura fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ ta' Angiolina l-lum mart Frank Libreri għaż-żmien mil-5 ta' Lulju sat-28 ta' Frar 1950. Kif jidher, il-pazjenta dak iż-żmien kienet għadha xebba tgħix id-dar ma' ommha Giulia Bonnici, u kienet ta' xi tmientax il-sena. F'dawn iċ-ċirkustanzi, xejn aktar naturali milli l-omm, li pprokurat l-ammissjoni ta' dik bintha fl-Isptar, irrendiet ruħha responsabbli lejn l-Awtoritajiet għal dak li seta' jkun dovut għall-manteniment u kura. Fortunatament, għad mhijiex drawwa ta' pajjiżna illi l-ġenituri, meta xi ħadd mit-tfal tagħhom li jkun jgħix magħhom jiġi milqut mill-isfortuna tal-mard u jittieħed l-Isptar, iġegħluh iħallas minn tiegħu, anki meta għandu mezzi proprji. Fil-każ preżenti ma hemm ebda ħjiel ta' prova fil-proċess illi dak iż-żmien Angiolina Bonnici kellha xi mezzi tagħha;

Hi kif inhi, l-obligazzjoni assunta mill-omm tirriżulta assolutament ċar mill-formola fol. 64, fejn tgħat l-informazzjonijiet meħtieġa biex tista' tiġi jew eżentata mill-ħlas għar-rigward tal-imsemmija bintha (dan hu r-"relief" fil-każ), jew tiġi stabbilita r-rata tal-ħlas. Kienet hi, l-omm, il-kap tal-"household", u kienu l-mezzi ta' dan il-"household" li ġew kalkulati, kif kien rikjest skond il-formola, biex

jiġi fissat x'setgħet tħallas l-"applicant", ċjoè l-omm, għal dik bintha. Imma din l-obligazzjoni personali assunta mill-omm, kemm damet ħajja hi stess, mhux talli qatt ma ġiet kontestata, iżda talli ġiet espressament rikonoxxuta. Kieku, mhumiex spjegabbli ż-żewġ ittri fol. 26 u 27, miktubin b'inkarigu u għan-nom tagħha, li bihom talbet riduzzjoni tar-rata li kienet ġiet intaxxata "lilha" fil-kont ta' £119.10.0, li hu preċiżament l-istess ammont li qiegħed jintalab issa biċ-ċitazzjoni ta' din il-kawża;

Għalhekk hija kompletament bla bażi l-kontestazzjoni elevata minn waħda mill-appellati (u waħda biss), illi l-ispejjeż tal-isptar messhom intalbu minn Angiolina l-lum miżżewġa Libreri, li kienet il-persuna li ġiet ikkurata (fol. 58). Trattandosi ta' każi ta' persuni "sui juris", li għalihom ħadd ieħor ma jkunx għamel ruħu responsabbli, huwa naturali, kif xehed l-almoner fol. 31, illi d-Dipartiment ifittex l-ewwel lill-pazjent stess, jiġifieri l-proprijetà tal-pazjent (salvi każijiet regolati minn liġijiet speċjali, e.g. XXXII-II-9). Jekk hu ma jkollux mezzi, allura d-Dipartiment jaġixxi kontra l-persuna li skond il-liġi huma tenuti għall-manteniment tiegħu bl-azzjoni "negotiorum gestor", jew xi drabi ta'-mandat anki taċitu (Vol. XXXI-I-372). Iżda meta missier jew omm, jew persuna oħra, fil-fatt jobbliga ruħu li jagħmel tajjeb (ikun, kif xi drabi fil-prattika jingħata, ir-"responsible relative") għall-pazjent, allura huwa naturali illi l-ħlas jintalab minn għandu;

Għalhekk, mela, fil-każ preżenti, id-debitu kien ta' Giulia Bonnici, u mal-mewt tagħha għadda fl-eredi tagħha. Bħala tali eredi ġew imħarrkin it-tfal kollha tad-debitriċi, ċjoè it-tnax il-konvenuti. Minn dawn sitta, ċjoè l-appellat Dr. Antonio Bonnici, u Giovanni Leone, Doris sive Maria Dolores, Guido u Peter Paul, aħwa Bonnici, baqgħu kontumaċi għaċ-ċitazzjoni. Minn dawk li dehru u taw eċċezzjonijiet, tnejn, ċjoè Adelina Darmanin (fol. 8) u Emilia sive Ersilia Micallef (fol. 12) iddikjaraw li għad ma aċċettawx il-wirt ta' ommhom, u aktar tard iddikjaraw li rrinunzjaw formalment għal dak il-wirt (fol. 38). Tnejn oħra, rappreżentati mill-kuraturi Dr. Chetcuti u P.L. Benjacar, irrimettew ruħhom għall-Qorti (fol. 9). Waħda, ċjoè Angiolina Libreri, rappreżentata mill-kuraturi Dr. Borg u P.L.

Saliba, ukoll irrimettiet ruħha għall-provi (fol. 10). Fl-aħħarnett, waħda, ċjoè Beatrice mart Charles Debono, ikkontestat id-domanda għar-raġuni illi l-ammont mitlub kien dovut mill-pazjenta stess;

Ikkunsidrat;

Dottor Antonio Bonnici, fl-appell tiegħu, l-ewwelnett issolleva eċċezzjoni ta' natura proċedurali. Hu ssottometta illi, kif inhi formulata d-domanda, l-ammont pretiż dovut minnu kien biss parti minn tnax tas-somma kollha mitluba, ċjoè £9.19.2. Għalhekk, in kwantu hu ġie kundannat iħallas aktar minn dak l-ammont, is-sentenza hi "ultra petita" jew "extra petita". Oltre dan, kompla jissottometti, il-Prim' Awla, il-Qorti adita, kienet inkompetenti;

Bħala eċċezzjoni ta' inkompetenza "ratione valoris", din is-sottomissjoni tal-appellant hi nfondata; għal diversi raġunijiet. Qabel xejn, ġa ntqal illi dan l-appellant kien kontumaċi in prima istanza, u kwindi, ovvjament, din l-eċċezzjoni ma ġietx hemm sollevata. Issa, hi liġi espressa illi l-eċċezzjoni ta' inkompetenza minħabba l-valur ma tistgħax tingħata, u lanqas tista' tiġi dikjarata "ex officio", f'Qorti fi Grad ta' Appell (art. 775 Kod. Org. u Proċ. Ċiv.). Fit-tieni lok fejn il-Gvern hu attur jew konvenut, il-Prim'Awla (u l-Qorti tal-Kummerċ) għandhom, fil-limiti tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Inferjuri, ġurisdizzjoni konkorrenti ma' dawk il-Qrati jekk ma hemmx fil-liġi dispożizzjonijiet oħra kuntrarji (art. 33(2) u 37(2) ). Oltre dan, huwa ċar illi fiċ-ċitazzjoni ntalab ammont "wieħed" kontra l-konvenuti kollha f'daqqa, u kienet biss kwistjoni ta' "meritu" jekk kienux ilkoll obligati, jew min minnhom u f'liema proporzjoni;

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-appellant, bħala eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Ewwel Qorti, hi miċħuda; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Ikkunsidrat;

L-aħħar osservazzjoni magħmula fil-konsiderandi preċedenti twieġeb ukoll ovvjament għall-eċċezzjoni tal-appel-

lant fis-sens illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet "extra" jew "ultra petita". Għalkemm ġew konvenuti tnax l-eredi (li, inċidentalment, ġew imħarrka anki personalment), l-ammont ta' £119.10.0 intalab kontra tagħhom kollha f'daqqa. Il-kwistjoni jekk huma kienux ilkoll, jew inkella kienux biss xi wħud, jew kienx xi wieħed biss minnhom, verament obligati, u kellhomx kwindi jiġu kundannati, kienet tikkostitwixxi kwistjoni tal-meritu, li kellha tkun riżoluta skond ir-riżultanzi tal-kawża. Hemm l-"extra petita" jew "ultra petita" meta tiġi sostitwita għall-azzjoni jew għad-domanda avanzata mill-attur azzjoni jew domanda oħra li minnu ma ġietx proposta, jew meta d-deċiżjoni tmur aktar 'l-hemm mid-domanda jew azzjoni avanzata. Iżda xejn minn dan kollu ma ġara fil-każ preżenti. L-azzjoni kienet għall-ħlas ta' £119.10.0. Dan kien il-"petitum"; il-kawżali jew il-bażi ġuridika kienet l-obligazzjoni ta' Giulia Bonnici, u kwindi tal-eredi tagħha. Jekk irriżulta. fl-iżvolġiment tal-kawża, illi eredi kien biss l-appellant Dr. Bonnici, għax, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, l-oħrajn ma kienux aċċettaw l-eredità, kien naturali, fin-nuqqas ta' kontestazzjonijiet oħra, li hu biss jiġi kundannat għall-ammont kollu. B'daqshekk ix-xorta u l-limiti tal-azzjoni baqgħu identikament l-istess, u s-sentenza kienet eżattament skond u fil-limiti ta' dik l-azzjoni;

Ikkunsidrat;

Fuq il-meritu tas-sentenza appellata l-ilment tal-appellant Dr. Bonnici hu illi, riferibbilment għall-aċċettazzjoni tal-wirt ta' Giulia Bonnici, dik is-sentenza ma ħadetx konsiderazzjoni tal-fatti kollha. Sostanzjalment id-deduzzjoni tal-appellant hi fis-sens illi l-konvenuti l-oħra wkoll messhom ġew kundannati jħallsu sehem mid-debitu reklamat mill-attur;

Dwar il-kwalità ta' eredi tiegħu nnifsu l-appellant ma hu qiegħed iqanqal ebda kwistjoni. Anki stess meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti hu ma kkontestax anzi impliċitament, imma b'mod l-aktar ovvju, hu assuma għalieh innifsu dik il-kwalità. Fuq kollox issa, li hu ġie bis-sentenza appellata kundannat espressament f'dik il-kwalità, hu mhux

talli m'hu bl-ebda mod fl-appell tiegħu jimpunja dik il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, iżda talli espressament qiegħed isostni illi s-sehem tiegħu, bħala eredi t'ommu, hu lest, u dejjem kien lest, biex iħallsu;

Mill-konvenuti l-oħra ntqal diġà illi Adelina Darmanin u Emilia sive Ersilia Micallef formalment irrinunzjaw għall-eredità, u dwarhom għalhekk ma jista' jkun hemm ebda kwistjoni. Din ir-rinunzja ma ġiet bl-ebda mod impunjata;

Għall-ħames konvenuti l-oħra (oltre l-appellant) li baqgħu kontumaċi, din il-Qorti taqbel mas-sentenza appellata illi ma hemmx prova soddisfaċenti fil-proċess li huma aċċettaw l-eredità. L-allegazzjonijiet ġeneriċi ta' "aħna" u "huma", li hemm fix-xhieda, ma tistgħax torbot fuqhom b'sikurezza. Il-kontumaċja in prima istanza hi kontestazzjoni tal-kawża, u l-Qorti mhix ta' fehma li hemm ebda ġustifikazzjoni għad-distinzjoni magħmula fil-petizzjoni talappell fis-sens illi fil-każ ta' kontumaċja l-kontestazzjoni għandha tiftiehem riferibbli biss għad-domanda per sè li tifforma l-meritu veru u proprju tal-kawża, u mhux ukoll għall-kwalitajiet tal-konvenut stess. Il-kontestazzjoni impliċita jew preżunta fil-kontumaċja tikkomprendi manifestament il-mezzi kollha legali ta' difiża li l-konvenut, kieku deher, kien ikollu dritt li jopponi, salvi naturalment id-dispożizzjonijiet speċjali dwar termini, eċċ. In-nuqqas ta' kwalità ta' eredi, meta hu jinsab ċitat f'dik il-kwalità, hu ċertament wieħed minn dawk il-mezzi. L-aċċettazzjoni ta' eredità tista', skond il-liġi, tkun taċita, ċjoè riżultanti minn ċerti atti jew fatti; iżda mhix preżunta. It-testment ma hu ebda prova (kif jingħad fil-petizzjoni) ħlief ta' l-istituzzjoni bħala werriet, li mill-mewt tat-testatur tagħti lok għad-delazzjoni favur tiegħu tal-eredità, u mhix prova tal-adizzjoni jew aċċettazzjoni, li hi l-mument komplementari neċessarju għall-akkwist tal-eredità u tal-kwalità ta' eredi;

Anki rigward it-tliet konvenuti rappreżentati minn kuraturi, din il-Qorti wkoll, bħal l-ewwel waħda, hi ta' fehma li ma hemmx fil-proċess prova soddisfaċenti tal-kwalità tagħhom ta' eredi ta' ommhom. Veru li huma ma eċċepewx formalment in-nuqqas ta' dik il-kwalità, iżda huma rrimet-

tew ruħhom għall-provi, jew għall-ġudizzju tal-Qorti, li naturalment irid ikun bażat fuq il-provi; u provi sewwa tal-aċċettazzjoni da parti tagħhom tal-eredità ta' ommhom, kif ġa ntqal, ma hemmx;

Tibqa' l-konvenuta Beatrice Debono. Għal din, il-Qorti tħoss li għandha tasal għall-konklużjoni diversa minn dik tal-Ewwel Onorabbli Qorti. Fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha (fol. 11), u anki fir-risposta għall-appell (fol. 58), hi ma kkwerelat bl-ebda mod il-kwalità tagħha ta' eredi, u kkontestat id-domanda tal-attur unikament fuq il-pretensjoni illi d-debitu messu tħallas minn Angiolina Libreri personalment. Oltre dan, però, hemm prova ta' importanza. Fix-xhieda tiegħu Dr. Bonnici qal illi, meta mietet l-omm, kien hemm id-dar xi flus li minnhom ħadet id-dota Beatrice (ċjoè din il-konvenuta), li żżewġet (fol. 22). Ma jidherx li għandu jkun hemm dubju illi Dr. Bonnici kien hawnhekk qiegħed jalludi għall-flus li ħalliet fl-assi tagħha l-omm, u li minnhom din il-konvenuta ħadet biex iddotat ruħha. Din id-dikjarazzjoni ta' Dr. Bonnici ma ġietx kontraddetta mill-istess konvenuta jew xort'oħra. Issa, il-Qorti jidhrilha illi, jekk wara l-mewt tal-omm din il-konvenuta ħadet jew irċeviet flus mill-assi, hi għamlet att li jimporta aċċettazzjoni taċita tal-eredità; għax f'dak l-istadju hi ma kien ikollha ebda dritt li tirċievi jew tieħu flus mill-assi ħlief in kwantu kienet eredi;

Minn dan kollu li ntqal jiġi illi mill-konvenuti kollha tnejn biss, ċjoè l-appellant Dr. Bonnici u oħtu Beatrice Debono, aċċettaw l-eredità ta' ommhom;

Issa, skond l-art. 896 tal-Kodiċi Ċivili, meta l-werrieta ma jaqblux bejniethom dwar jekk għandhomx jaċċettaw il-wirt jew jirrinuzjaw għalieh, dak li jaċċetta jikseb waħdu l-jeddijiet kollha u jieħu fuqu l-pizijiet kollha tal-wirt. Għalhekk, il-ħlas tal-kreditu tal-attur għandu jsir mhux biss minn Dr. Bonnici, iżda wkoll minn Beatrice Debono u dan nofs kull wieħed;

F'dan is-sens u f'dawn il-limiti, l-appell ta' Dr. Bonnici jistħoqqlu li jiġi milqugħ;

Ikkunsidrat, fuq l-appell tal-attur;

Kif ġa ntqal, dan l-appell sar għall-eventwalità li Dr. Bonnici jappella u jkollu riżultat għalieh favorevoli. L-attur talab illi, jekk Dr. Bonnici jiġi ritenut li għandu jħallas sehmu biss mid-dejn, allura l-konvenuti l-oħra, ħlief it-tnejn li rrinunzjaw għall-eredità, jiġu wkoll kundannati;

Għar-raġunijiet esposti aktar il-fuq, din it-talba tal-attur tista' tiġi milqugħa biss għar-rigward tal-konvenuta Beatrice Debono oltre, s'intendi, Dr. Bonnici;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi:—

1. Tilqa' l-appell ta' Dr. Bonnici, fis-sens li tiddikjara li hu obbligat iħallas biss nofs l-ammont mitlub mill-attur, ċjoè £59. 15.-0d, u għal din is-somma biss tilqa' t-talba tal-attur fil-konfront tiegħu; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata fil-meritu;

2. Tilqa' l-appell tal-attur fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu lliberat mid-domanda tal-attur lill-konvenuta Beatrice Debono, u minflok tilqa' dik it-talba kontra tagħha għas-somma ta' £59. 15. 0d; u f'dan is-sens ukoll tirriforma dik is-sentenza fil-meritu;

L-ispejjeż tal-prima istanza iħallsuhom nofs kull wieħed il-konvenut Dr. Bonnici u l-konvenuta Beatrice Debono. Dawk tal-appell ta' Dr. Bonnici, ħlief dawk ġa provduti, jitħallsu nofs minnu u nofs mill-attur; u dawk tal-appell ta' l-attur jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-appellata Beatrice Debono.